MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-15 ta' Frar, 2012

Numru. 162/2012

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jason Francis Sultana)**

**vs**

**Amor Maatoug**

**Illum 15 ta' Frar 2012**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Amor Maatoug** ta’ 39 sena, bin Mohamed u Fatima *nee’* Medini, mwieled Tunez nhar it-31 t’Awissu, 1972 u residenti 287, Flat 4 , Triq D.Argens, Gzira u detentur tal-karta tal-identita’ numru 20251A;

Talli nhar it-13 ta’ Frar 2012, ghall-habta tal-hdax ta’ filghaxija f’dawn il-Gzejjer u cioe’ minn gewwa l-Bar Times Gone Bye, Triq Tas-Sliema, Gzira ikkommettejt serq ta’ Mobile Phone tad-Ditta Samsung, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin u li jaccedi s-somma ta’ €233 u li sehh ghad-detriment ta’ Stefania Sgandurra u/jew ta’ persuni ohra;

U aktar talli fl-14 ta’ Frar 2012 u fil-granet ta’ qabel din id-data f’dawn il-Gzejjer, xjentement laqa’ ghandu jew xtara kwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reati, jew xjentement b’kull mod iehor li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe kuntistabbli 243 Clayton Frendo, u Kuntistabbli 1188 Paul Cassar minghajr ma kkagunalhom griehi, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-ezekuzzjoni tal-ligi mill-awtorita’ kompetenti (Art 96 Kap 9);

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe’ kuntistabbli PC 1188 Paul Cassar. PC 243 Clayton Fenech, WPS 215 Valerie Farrugia PC 1099 Charles Farrugia waqt li kienu ghamlu jew minhabba li kien qed jaghmlu dan is-servizz

bil-hsieb li jbezzaghhom jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz (Art 95 Kap 9);

U kif ukoll talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema ammont ta' hsara ma jiskorriex il-mija u sittax-il euro u sebgha u sebghin centezmu imma li jiskorri aktar minn tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmu ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta;

U finalment nakkuzah ukoll tallli sar recediv ai termini ta' l-Artikoli 49,50, u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra;

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu tal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija gentilment mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ta' l-Artikolu 412C fejn tiprojbixxi lill-imputat li javvicina lil Stefania Sgandurra detentrici tal-karta tal-identita bin-numru 214206L u r-residenza taghha kif ukoll il-post li tali persuna tiffrekwenta jew tahdem;

Il-Qorti rat l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront ta’ l-akkuzat;

Rat l-ammissjoni bikrija ta’ l-akkuzat,

Rat l-Artikoli tal-Ligi kif ukoll il-fedina penali ta’ l-akkuzat;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-akkuzat ma jersaqx lejn Stefania Sgandurra;

Semghet l-iskuzi ta’ l-akkuzat lejn il-membri tal-Korp tal-Pulizija u obbliga ruhu li minn issa ‘l quddiem ma jergax jirrepeti tali incident;

Semghet lill-Avukat ta’ l-akkuzat jinforma l-Qorti li l-akkuzat ghadu kif ghadda minn problemi familjari u ghandu problema serja ta’ xorb;

Il-Qorti rat l-Artikolu 7 tal-Kap 446 u peress li tqies li ikun aktar idonju li l-akkuzat jitqieghed taht sorveljanza sabiex ikun jista’ jirijabilita ruhu u jgheleb il-problema tax-xorb, filwaqt li ssib lill-akkuzat hati ta’ l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu;

B’effett ta’ l-Artikolu 7 tal-Kap 446 qed tohrog ordni ta’ probation, u tobbliga lill-akkuzat li ghall-perjodu ta’ tlett (3) snin millum jibqa’ taht is-sorveljanza ta’ Ufficjal tal-Probation skond il-kundizzjonijiet li l-Qorti qeghda tohrog illum stess.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------